MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Numru 762/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur M Micallef)**

**vs**

**Renald Barbara**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Renald Barbara, 22 sena, iben Paul u Vincenza nee' Fenech, imwieled il-Pieta` fil-25 ta' Frar, 1981 u li joqghod 4, Triq Gheriexem, Sqaq Nru 1, Rabat u detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 129981 M.

Akkuzat:

1. talli ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe` ghamel falsifikazzjoni tal-firma ta' Mr Anthony E Buttigieg, u ta' persuni ohra fuq cekkijiet tal-HSBC u aktar talli xjentament ghamel uzu mill-istess skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe cekkijiet tal-HSBC fuq l-akkont ta' Mr Anthony E Buttigieg u persuni ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bih hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn Banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karta msemmija u dan bi ksur tal-Artikolu 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ngann jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm500, bi hsara ghal HSBC Bank, Bank of Valletta, Mr Anthony E Buttigieg, Mr J Pulo, Mr Michael Azzopardi u persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. xjentament laqa' ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentament b'kull mod iehor ndahal biex jmexxihom jew jbieghhom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. ikkommetta serq ta' sitt cekkijiet mahrug mill-HSBC Bank fuq l-akkont ta' Mr Anthony E Buttigieg u persuni ohra, dan ghad-detriment tal-HSBC Bank, Bank of

Valletta, Mr Anthony E Buttigieg, Mr J Pulo, Mr Michael Azzopardi u persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 267 u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. talli renda ruhu recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

7. talli kisser il-provediment ta’ l-Artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-22 ta’ Jannar, 2001 b’liema sentenza kien gie misjub hati u liberat taht kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni ghas-separazzjoni tal-gudizzju;

Rat is-sentenzi taghha diversiment preseduta fil-konfront ta’ dan l-imputat senjatament dawk tal-15 t’April, 1998, 9 t’Awissu, 2000 u 22 ta’ Jannar, 2001 esebiti in atti;

Semghet l-imputat jammetti l-akkuzi f’liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat b’serq, ricettezzjoni, frodi, recidiva u li kiser l-kundizjonijiet ta’ ordni ta’ probation.

Dawn l-akkuzi l-imputat qieghed jammettihom volontarjament u nkondizzjonatament stante li l-imputat wara li llum qieghed jirrijabilita u jikkonferma ruhu anke bl-assistenza ta’ Probation Officer li gja gie lilu appuntat.

Billi u kkunsidrat il-valur relattivament zghir involut fis-serq u sussegwenti frodi li l-fehma tal-Qorti li ma tinfierix fuq l-

imputat u tatih l-ahhar opportunita biex jibqa' miexi fit-triq it-tajba.

Tiddeciedi ghalhekk wara li rat l-Artikolu 18, 183, 184, 167, 169, 308, 309, 261 (e), 267, 279, 280, 49, 50 u 17 tal-Kap 9 li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------